

32006R0683

5.5.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 120/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 683/2006

tas-27 ta' Frar 2006

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness 1 għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala "In-Nomenklatura Magħquda", u stabbilita skond ir-rati konvenzjonali ta' dazji tat-Tariffa Doganali Komuni.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni i 2006/324/KE tas-27 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, il-Kunsill approva, fisem il-Komunità, l-imsemmi Ftehim bil-ħsieb li jikkonkludi

n-negozjati mibdija skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

- (3) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat u ssupplimentat għaldaqstant,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, l-Anness 7 intitolat kwoti tariffarji tad-WTO li għandhom jinfetħu mill-awtoritajiet Komunitarji kompetenti, ta' Taqsima III ta' l-Anness I għandu jiġi emendat u ssupplimentat kif ġej:

1. Il-kodiċi NM 1006 10, 1006 20, 1006 40, 1604 20 50 u 1604 20 70, mniżżla f' punt (a) ta' l-Anness għal dan ir-Regolament, għandhom jiddaħħlu fl-imsemmi Anness 7;
2. Il-kodiċi NM 1006 30 għandu jiġi ssupplimentat bil-volumi kif imniżżel f'punt (b) ta' l-Anness għal dan ir-Regolament.

kif jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ erba' ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-27 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
U. PLASSNIK

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1719/2005 (ĠU L 286, 28.10.2005, p. 1).

⁽²⁾ Ara p. 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqiesu li m'għandhomx iżjed valur indikattiv, peress li l-konċessjonijiet ġew determinati, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi NM kif jeżistu fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-regolament. Fejn ex kodiċi NM huma indikati, il-konċessjonijiet għandhom jiġu determinati b'applikazzjoni tal-kodiċi NM u deskrizzjoni korrispondenti meħudha flimkien.

(a)	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Termini u kundizzjonijiet oħra
	Numru tat-tariffa tal-prodott 1006 10	Ross għadu fil-ħliefa	Kwota ġdida annwali (<i>erga omnes</i>) ta' 7 Tunnellati, bir-rata ta' kwota ta' 15 %.
	Numru tat-tariffa tal-prodott 1006 20	Ross bla ħliefa	Kwota ġdida annwali (<i>erga omnes</i>) ta' 1 634 Tunnellata, bir-rata ta' kwota ta' 15 %.
	Numru tat-tariffa tal-prodott 1006 40	Ross miksur	Kwota ġdida annwali (<i>erga omnes</i>) ta' 31 788 Tunnellata, bir-rata ta' kwota ta' rata 0 %
	Numru tat-tariffa tal-prodott 1604 20 50	Ħut preparat jew priżervat (ħlief sħiħ jew f'biċċiet): — ta' sardin, bonito, kavalli ta' l-ispeċi <i>Scomber scombrus</i> u <i>Scomber japonicus</i> , ħut ta' l-ispeċi <i>Orcynopsis unicolor</i>	Kwota ta' rata ta' tariffa annwali ġdida ta' 2,275 Tunnellata li 1,410 Tunnellati minnhom ser jiġu allokati lir-Renju tat-Tajlandja, bil-bqija jiġu applikati <i>erga omnes</i> , b'rata ta' kwota ta' 0 %, minn rata ta' kwota ta' 25 %
	Numru tat-tariffa tal-prodott 1604 20 70	Ħut preparat jew priżervat(ħlief sħiħ jew f'biċċiet): — ta' tonn, skipjack jew ħut ieħor tal-genus <i>Euthynnus</i>	Kwota ta' rata ta' tariffa annwali ġdida ta' 2,558 Tunnellata li 1,816-il Tunnellata minnhom ser jiġu allokati lir-Renju tat-Tajlandja, bil-bqija jiġu applikati <i>erga omnes</i> , b'rata ta' kwota ta' 0 %, minn rata ta' kwota ta' 24 %.
(b)	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Termini u kundizzjonijiet oħra
	Numru tat-tariffa tal-prodott 1006 30	Kwota għal ross nofsu midħun jew midħun kollu	Żieda fir-rata tal-kwota tariffarja annwali ta' 25,516-il Tunnellata (<i>erga omnes</i>) fil-kwota li hemm issa tal-KE15, bir-rata ta' kwota ta' 0 %. Allokazzjoni tal-pajjiż ta' 1,200 Tunnellata lir-Renju tat-Tajlandja għandha tiġi integrata fil-kwota attwali tar-ross nofsu midħun/midħun kollu tal-KE15, b'rata ta' kwota ta' 0 %.